**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Gunju 2021**

**<u>Rikors nru: 169/2012 AGV</u>**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB,** tas- 27 ta' April 2016, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi permezz tar-rikors odjern, l-esponenti qed titlob rispettosament lil din Onorabbli Qprti joghgobha tornda l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-artikoli 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi jinghad fl-ewwel lok illi filwaqt li l-esponenti kienet intavolat da parti taghha din il-kawza, ghal ksib tas-sparazzjoni legali, fir-risposta

tieghu l-intimat ma ressaq ebda opposizzjonijiet ghal likwidazzjoni u xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti.

3. Illi l-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li qabel jigi ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-konjugi, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati il-pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.
4. Illi fil-fehma umli tal-esponenti, kif jidher ukoll mill-provi li qeghdin jingabbru mill-assistant gudizzjarju, il-waqfien tal-komunjoni, qabel tigi biex tkun deciza dil-kawza, ma ghandu jwassal ghal ebda pregidzzju mhux proporzjonat.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob lil dil-Onorabbli Qorti joghgobha ;

1. **Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijet kontendenti kif ikkontemplat skont l-artikolu 55 tal-ligijiet ta' Malta.**
2. **Tordna li is-sentenza tigi notifikata lid-direttur tar-Registru Pubbliku b' dawk il-provvedimenti kollha li dil-Qorti, jidhirlha xierqa u opportuni.**

U dan taht kull kwalsiasi provvediment li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' CB datata 20 ta' April 2018 li espona bir-rispett u bil-gurament kkonferma ;**

1. Illi preliminarjament jigi umilment rilevat dar-rikors ilu li sar kwazi sentejn u cjoe' fis- 27 ta' April 2016 u dan fiz- zmien kollu r-rikorrenti

kompliet tipproduci l-provi taghha u dan sal-ahhar udejnza anka jekk ma jidhirx b’ mod car li hija ghalqet il-provi taghha;

2. Illi l-esponenti umilment jigbed attenzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti li -konjugi B ghandhom ammont konsidervoli ta’ djun minn negozji li kellhom fil- komunjoni tal-akkwisti , u ma tantx jidher li saru xi sforzi biex dar-rikors jigi notifikat lil esponenti u allura ma hemmx xi urgenza da parti taghha;

3. Illi hemm dizgwid hemm fuq l-ammont tad-djun u r-rikorrenti qed tipprova tahrab mir-responsabilita’ taghha meta kien ghadhom kopja mizzewwga ghall-effetti kollha tal-ligi- u anka kienet tiehu hsieb l-amministrazzjoni ta’ wiehed min-negozji.

4. Illi minhabba dad-djun , li hemm jezistu numru ta’ sekwestri mahruga kontra l-konjugi B u anka kontra l-genituri tal-esponenti , li ghamlu tajjeb ghal parti minn dad-djun kif del resto taf ferm tajjeb ir-rikorrenti u jkun utili li din l-Onorabbli Qorti , tordna li anka dar-rikors jigi notifikat lil-genituri tal-esponenti biex huma ma jknux pregudikati;

5. Illi l-esponenti ghadu ser jibda’ bil-provi tieghi, kawza li fiha ir-rikorrenti ilha biex ittella’ l-provi taghha tmien snin u fil-frattemp ir-rikorrenti u anka l-geituri tieghu, qed isoffru problem anka mal-banek, entitajiet ohrajn minhabba dal-problemi finanzjarji ;

6. Illi jekk il-Qorti tikkoncedi s-separazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, ser jigu pregudikati kemm l-esponenti u anka l-genituri tieghu, ghalhekk mhux fl-interess zgur tal-esponenti li t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha issa meta huwa ghad irid jibda’ bil-provi tieghu wara tmien snin li tulhom l-attrici ressqet il-provi taghha;

7. Illi anka ghal dil-Onorabbli Qorti tkun kontra dettami tal-ligi li tilqa' din it-talba meta quddiemha ghandha biss l-provi tar-rikorrenti u ebda prova da parti tal-esponenti;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dil-Onorabbli Qorti, tichad it-talba tar-rikorrenti fir-rikors taghha tas- 27 ta' April 2016, bl-ispejjez kontra taghha u b' dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

In tema legali jinghad li l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bazata t-talba attrici, jaghti fakolta` lil parti jew ohra li "f'kull zmien" matul is-smigh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi.

Imbaghad fis-sub-inciz 4 l-istess artikolu jghid:

*"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."*

Minn dan jirrizulta li t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "***pregudizzju mhux proporzjonat".*** Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan

ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-*principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*[1]

Din il-Qorti tosserva li dina d-disposizzjoni tal-ligi m'ghandhiex tinghata interpretazzjoni wiesgha tal-frazi "*pregudizzju mhux proporzjonat.*" Dak li ried il-legislatur, u allura dak li jghid dan is-sub inciz, huwa li mhux kull pregudizzju ghandu jservi ta' ostakolu sabiex tintlaqa' t-talba skont l-Artikolu 55, izda jehtieg li l-pregudizzju jkun tali li jikkwalifika bhala sproporzjonat. *Quod lex voluit lex dixit*, u ghalhekk mhux legalment konsentit li l-ligi tigi interpretata jew applikata b'mod li tmur kontra t-termini espressi taghha.

F'dan ir-rikors, il-konvenut wiegeb li qieghed joggezzjona ghall-waqfien tal-komunjoni, u ghalhekk il-Qorti trid tara fuq liema bazi qed joggezzjona ghal dan. Essenzjalment, il-konvenut jghid li hemm hafna djun inkombenti fuq il-komunjoni, u dawn ghandhom jigu kwantifikati qabel ma tinghata din is-sentenza in parte. Il-Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi tal-konvenut. Bizzejjed wiehed jirrileva li r-rikors ghall-waqfien kien gie presentat f' April tal-2016, u r-risposta dahlet sentejn wara, f' April tal-2018. Minn dak iz-zmien sallum tressqu aktar provi mill-partijiet, u allura l-Qorti, u anke l-istess partijiet, ghandhom stampa aktar cara. Barra minn hekk, u izjed important minn hekk, li jigri b'din is-sentenza in parte huwa biss li r-regim prevalenti sallum jieqaf millum 'il quddiem, minghajr ebda pregudizzju ghall-komunjoni. Dan ifisser li llum qed jigi preservat dak li s'issa kien jifforma parti mill-komunjoni, u millum 'il quddiem il-partijiet jistghu jixtru u jittrasferixxu proprjeta' f'isimhom minghajr ma jkunu marbuta man-naha l-ohra. Ghalhekk, dak li sallum jifforma parti mill-komunjoni – anke jekk parti ghadha ma tafx ezatt x'fiha l-komunjoni – jibqa' jifforma parti mill-komunjoni sa ma ssir id-divizjoni u l-assenjazzjoni mas-sentenza finali. Huwa

[1] Rik.Gur. 257/11, Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu, 2014.

ghalhekk ukoll li l-Qorti ma taqbilx mal-posizzjoni tal-konvenut fir-risposta tieghu.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta.
1. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.

L-ispejjes ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**